MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 275/2009

A B

vs

C B D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta’ Frar 2004 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A);
2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjonij ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew iktar ta’ l-

elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif komtemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi z-zwieg huwa null ukoll minhabba li l-attur, ghalkemm mhix interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan kif jipprovdi l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i) Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kolllha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Frar 2004;

Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

(1) Illi preliminarjament jigi eccepiet li l-kunjom ta' l-intimata hekk kif indikat fl-okkju tar-rikors odjern huwa erronju stante li dan ghandu jaqra, 'B D' u mhux 'D' biss;
(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huwa lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda;
(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, z-zwieg li sehh bejn il-partijiet nhar is-27 ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) mhux null stante li mhux minnu li dan kien b'xi mod vizzjat u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;
(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, z-zewg partijiet ghamlu dan il-pass u kkuntrattaw zwieg bejniethom konxjentement u kienu jafu sew x'qed jaghmlu u ghalxiex dehlin meta kkuntrattaw iz-zwieg ta' bejniethom;

(5) Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante li jekk iz-zwieg huwa null dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-espenenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' April 2011 li permezz tieghu hatret lil Dr Etienne Muscat bhala espert psikjatra biex jezamina lill-attur u jirrapporta lura lill-Qorti dwar xi problemi ta' natura psikika li jista' jbaghti minnhom l-attur, madanakollu dan l-espert baqa' ma pprezenta l-ebda rapport;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-prodediment;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illli l-attur kien iltaqa mal-konvenuta lejn l-ahhar tas-sena 2003. Il-konvenuta kienet qaltlu illi kienet mill-Marokk u illi kienet Malta bhala turista biex titghallem l-Ingliz. Mill-ewwel qaltlu illi ix-xewqa taghha kienet li tizzewweg Malti sabiex tkun tista tahdem u tghix Malta peress illi f'pajjizha ma kienx hemm xoghol u ma xtaqitx tirritorna lura f'pajjizha. L-attur kien ftiehem biex jibda johrog mal-konvenuta u xehed illi il-konvenuta mal-ewwel bdiet tehodlu rasu u tippressah sabiex jizzewwigha. Hu ma riedx jaghmel dan peress illi ma kienx jafha sew u ma kien jaf xejn dwar il-passat taghha u il-familja taghha. Kien jipprova ifehema biex ihallu iktar zmien jghaddi u isiru jafu aktar lil xulxin, izda hi wiegbitu illi f'pajjizha il-Marokk kienu imdorrijin jizzewgu wara zmien qasir. L-attur xehed illi huwa ibaghti ukoll minn schizophrenia u ilu ibaghti minn din il-kundizzjoni madwar ghoxrin (20) sena. L-attur xehed illi ghal xi raguni accetta

illi jizzewweg lill-konvenuta u fil-fatt huma izzewwgu fis-27 ta’ Frar 2004. Kienu izzewgu ta’ malajr bi zwieg civili biss, minghajr ma saru l-ebda festeggamenti, jew ricevimenti. Il-konvenuta kellha flat bil-kera Bugibba u marru joqghodu hemmhekk u damu jghixu hemmhekk ghal madwar erba’ (4) snin. L-attur kompla jixhed illi wara iz-zwieg il-konvenuta kienet qaltlu li ma kienitx riedet tfal minghandu. Dan id-diskors qam wara iz-zwieg u mhux qabel. Inoltre il-konvenuta kienet ukoll tippressah biex jaqleb ir-religjon tieghu minn Kattoliku ghal Musulman, haga li hu ma riedx jaghmel. Kienu jiggieldu ukoll fuq l-ikel minhabba ir-religjon taghha. L-attur xehed illi induna illi kien ghamel zball illi izzewweg lill-konvenuta u ra li ma kienu jaqblu f’xejn. Inoltre il-konvenuta qatt ma urietu xi affezzjoni kif suppost ikun hemm bejn il-mizzewgin u b’hekk irealizza li kienet izzewgitu biss sabiex tibqa tghix f’Malta. Wara erba’ (4) snin ma felahx jissapporti aktar u kien telaq mill-flat. L-attur xehed ukoll illi minhabba li kienet izzewgitu, il-konvenuta kienet ottjeniet il-‘freedom of movement’ f’Malta u kif saret taf li hu kien ser jibda il-proceduri ghal annullament taz-zwieg kienet harbet u siefret x’imkien lejn l-Ewropa u qatt ma ikkuntattjatu aktar.

Illi il-Qorti rat ukoll certifikat mahrug fl-1 ta’ Dicembru 2008 iffirmat minn Dr A Mangion, Consultant Psychiartrist illi juri illi l-attur ibaghti minn ‘schizo affective disorder’ u illi hu l-attur ukoll jidhol ripetutament Mount Carmel Hospital ibaghti mill-istess kondizzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi fir-risposta mahlufa taghha il-konvenuta cahdet illi iz-zwieg taghha mal-attur huwa null.

Ikkunsidrat :

Illi xehed bil-gurament tieghu il-psikjatra Dr Anthony Mangion illi ikkonferma illi l-attur ibaghti b’‘depression’, izda xehed illi ma jahsibx illi din id-‘depression’ affettwat lill-attur fid-diskrezzjoni tieghu b’mod serju, izda setghet affettwatlu ir-rieda tieghu parzjalment.

Illi xehdet ukoll bint l-attur Michelle Vella u qalet illi fis-sena 2004 l-attur kien qalilha li kien iltaqa ma Marokkina u li kien ser jizzewigha u talabha toqghodlu xhud. Hi kienet staqsietu kif kien ser jizzewweg daqshekk malajr meta ma tantx kien jaf lill-konvenuta u xehdet li hi stess lanqas kienet ghadha iltaqghet mal-konvenuta. Michelle Vella xehdet li missierha kien qalilha li kien jiehu pjacir bil-kumpanija tal-konvenuta u ma kellux triq ohra hlief jizzewwigha ghaliex altrimenti kienu ser ikeccuha minn Malta. Michelle kompliet tixhed illi dak iz-zmien missierha kien taht il-kura ta psikjatra, izda accettat li toqghodlu xhud ghaliex id-decizjoni kienet tieghu. Michelle xehdet li iltaqghet mal-konvenuta dakinhar tat-tieg u ftit wara iz-zwieg missierha kien jghidilha ta' sikwiet illi il-konvenuta kienet tittrattah hazin u meta kien ikollhom xi jghidu kienet tghidlu li li riedet minghandu kienet haditu u cioe' illi jkollha il-'freedom of movement' f'Malta. Michelle xehdet ukoll illi saret taf illi dan l-ahhar il-konvenuta harget tqila minn ragel iehor u taf ukoll illi hija mizzewga lil xi Marokkin bir-rit religjuz taghha

Ikkunsidrat :

Illi l-avukat difensur tal-konvenuta infurmat lill-Qorti illi tat lill-klijenta taghha diversi appuntament sabiex tmur ghandha l-ufficju sabiex isirilha l-affidavit, izda il-konvenuta qatt ma zammet l-appuntamenti mal-avukat taghha u b'hekk il-konvenuta ma ipprezentat l-ebda prova f'din il-kawza u il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq il-provi illi ressaq l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi meta kien qieghed jixhed 'viva voce' it-Tabib Dr Anthony Mangion, huwa xehed illi ic-certifikat illi irrilaxxja lill-attur u illi gie esebit mill-attur mar-rikors guramentat tieghu kien irrilaxxjah ghall-finijiet ta' 'social services' biss u mhux ghall-finijiet ta' annullament taz-zwieg u b'hekk jirrizulta illi l-attur ma ibaghtix minn xi kundizzjoni serja, izda ibaghti biss minn 'depression'.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi dan iz-zwieg ghandu jigi iddikjarat null ghall-fini biss tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi irrizulta illi il-kunsens taz-zewg partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali tieghu, kif ukoll peress illi kien impossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

**<u>Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** "***Il-persuna li tat il-kunsens***

***trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

Il-Qorti in vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkostanzi li waslu ghal dan iz-zwieg, partikolarment il-fatt illi il-konvenuta ghamlet pressjoni fuq l-attur sabiex jizzewwigha ghaliex jekk ma kienx ser jaghmel dan kienu ser ikkeccuha minn Malta u hu ma xtaqhiex titlaq u illi kien ghalhekk biss illi izzewwigha u mhux ghaliex kien ihobbha, u peress ukoll illi jidher illi il-konvenuta izzewget lill-attur ukoll mhux ghax kienet thobbu imma biex tibqa tghix Malta, u dan gie ippruvat mill-fatt illi il-partijiet kienu jiggieldu ta' spiss u il-konvenuta ma rieditx tfal mill-attur u lanqas ma urietu l-imhabba illi ghandha turi mara lejn zewgha, il-Qorti rat illi dawn l-elementi zgur illi mhumiex ragunijiet bizzejjed sabiex wiehed jiddeciedi li jiehu pass daqshekk importanti fil-hajja u ghalhekk il-Qorti rat illi il-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaslu ghal decizjoni valida. Irrizulta ukoll illi il-partijiet bil-kemm kienu jafu lil xulxin u l-attur ceda ghall-pressjoni li kienet qeghda taghmillu il-konvenuta sabiex jizzewwigha.

Ghaldaqstant il-Qorti ma thossx il-htiega li tezamina ukoll il-kawzali l-ohrajn imsemmija mill-attur fit-talba tieghu fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddikjara null u minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi iz-zwieg kontrattat

bejn il-kontendenti fis-27 ta’ Frar 2004; Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------